# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**Wail Rizgalla**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Wail Rizgalla**, detentur tal-passaport Awstraljan bin-numri C2005962 fejn ġie mixli talli fit-22 ta' Marzu 2015 fl-istabbiliment 'Havana', Triq San Gorg, San Giljan għall-ħabta ta' nofs il-lejl neqsin kwart u fil-ħinijiet ta' wara ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Andrea Degiorgio minn Ħal Lija skont kif iċċertifikat minn Dr. Muhaiyo Bartolo Khodjayeva bin-numru mediku 3243 mill-Isptar Saint James. Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat li matul is-seduta tal-25 ta' Marzu 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat bil-ġurament l-imputazzjonijiet kontra l-imputat.

Rat li matul il-kors tal-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Andrew Sciberras, stqarr li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat li l-Qorti bdiet tiġbor il-provi f'dan il-każ u rat ukoll id-diversi rinviji mibgħuta mill-Avukat Ġenerali.

Rat id-dokumenti kollha prodotti, inkluż l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat kif ukoll il-fedina penali tiegħu.

Semgħet ukoll ix-xiehda prodotti.

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datat 18 ta' Diċembru 2015, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront ta' **Wail Rizgalla** fl-Artikoli 17, 31, 214, 218(1)(a)(b), 383, 384, 385, 533 u 579 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputat hawn fuq imsemmi sabiex jigi ġġudikat minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul l-udjenza tat-22 ta' Ġunju 2016 l-Uffiċjal Prosekutur Matthew Spagnol iddikjara li l-Prosekuzzjoni ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi f'dan il-każ;

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputat, staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi fil-lejl imsemmi fl-imputazzjoni, waqt li Andrea Degiogrio kien jinsab fl-istabbiliment "Havana" f'San Ġiljan, u b'mod partikolari fil-mument meta kien qiegħed f'wieħed mit-toilets ta' dan l-istabbiliment, huwa ġie aggredit bil-mezz t'oġġett li kien jaqta u ġie offiż gravement fuq il-persuna tiegħu.  Dan il-fatt ġie ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mix-xiehda ta' Andrea Degiorgio u Jason Degiorgio nonche dik tad-Dottoressa Muhaiyo Bartolo Khodjayeva kif ukoll minn dik tad-Dentisti Dottor Andrew Atkins u d-Dottoressa Sarah Ghigo.

Skont kif formulata l-imputazzjoni, din il-Qorti trid pero torbot din l-offiża ta' natura gravi mal-azzjoni voluta tal-imputat.

**Mill-istqarrija tal-imputat** jirriżulta li huwa ammetta li kien fuq il-post tal-inċident u li kien preżenti wkoll fit-toilets tal-istess stabbiliment meta kien hemm wieħed ħabib tiegħu li kien involut fi ġlieda u huwa mar jara x'ġaralu. Biss huwa jinnega li kien involut f'xi ġlied li nqala' dakinhar jew li f'xi mument huwa aggredixxa lil xi ħadd jew li waddab xi oġġett bħal tazza lejn xi ħadd.

**Andrea Degiorgio** jixhed li huwa kien preżenti wara li ħabib tiegħu Lynden Mallia kien safa' aggredit u msawwat. Fir-rigward tal-episodju fejn ġie aggredit, Degiorgio jgħid li waqt li kien ħdejn ħabibu Lynden, reġgħu daħlu grupp ta' ġuvintur waqt li huwa beda jżomm lil ħabibu. Jgħid li kien hemm konfużjoni u jara ġuvni ta' ġilda skura jgħolli jdejh. Dan il-ġuvni ma jafx min kien iżda dak il-ħin huwa tbaxxa għaliex fehem li dan kien sejjer jagħtih daqqa jew igaralu xi ħaġa. Biex jevita li jiġi milqut huwa niżżel wiċċu l-isfel. Kien hemmhekk li ħass xi ħaġa iebsa tolqotlu wiċċu u żamm ħalqu. Ma kienx jaf dik il-ħaġa iebsa x'kienet u assuma li kienet tazza għaliex mal-art ra li kien hemm xi ħġieġ miksur. Kien wara l-inċident li għaraf lill-imputat bħala dak il-ġuvni ta'ġilda skura li raħ jgħolli jdejh. Dwar dan il-punt, a fol 43 jgħid hekk : "Jiena dak il-ħin ma rajtlu xejn, mhux ma rajtlu xejn ma tajtx każ għax jiena niżżilt wiċċi biex nipproteġi ruħi, ma kontx naf jekk hux.."

Mix-xiehda tal-parte civile ma ġiex pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni min kien dak li tah daqqa ta' oġġett iebes bħal tazza fir-reġjun ta' ħalqu. Andrea Degiorgio jassumi u jikkonkludi li kien Riżgalla għaliex qabel ħass id-daqqa jgħid li rah jgħolli jdejh; biss ma kienx f'qagħda jgħid jekk dan kellux xi ħaġa f'idu.

**Lyndon Mallia** jgħid li ma jafx min ta d-daqqa lil Andrea Degiorgio għax f'dak il-mument ma kienx wiċċu lejn Andrea. Biss dan jgħid li huwa ma semgħax xi ħġieġ jinkiser f'dak il-mument u l-anqas ma jiftakar jekk kienx ra xi frak tal-ħġieġ imkisser mal-art tat-toilet. Anżi huwa jżid li lill-imputat ma jiftakrux f'dak il-post!

**Dario Psaila** li wkoll kien fuq il-post fejn seħħ l-inċident jixhed li huwa ra xi erba' ġuvintur jagħtu lil Lyndon Mallia biss kwantu għall-imputat, dan jgħid li huwa rah biss iħares! L-anqas dan ix-xhud ma jgħid li ra lill-imputat jagħti xi daqqa jew iwaddab xi ħaġa lil Andrea Degiorgio. L-anqas ma jiftakar li ra xi ħġieġ imkisser mal-art.

**Daniel Bajada** u **Jonathan Mizzi** it-tnejn li huma xehdu li huma kienu raw lil Andrea Degiorgio **wara** li kien ġie offiż fir-reġjun ta' ħalqu. Bajada jiftakar li Degiorgio kien bid-demm ma wiċċu biss itenni li kien hemm ħafna nies u li ma setgħa jagħraf lil ħadd.

**Justin Camenżuli** jixhed li huwa kien mal-imputat u Steve Lualan. Dan ix-xhud jgħid li l-imputat kien mar jgħinu wara li kien qala' daqqa ta' ponn fit-toilets. Jgħid li Riżgalla kien għenu u ma raħx jagħmel xi ħaġa oħra u fil-fatt ħarġu mit-toilets it-tnejn flimkien.

**Steve Loualan** itenni verżjoni simili għal dik ta' Camenżuli. Dan jgħid li ma ra lil Riżgalla jagħmel xejn; anzi ħareġ lilu l-barra sabiex jikkalma l-affari. Huwa jixhed speċifikament li lil Riżgalla ma rahx jagħmel għal xi ħadd jew iwaddab tazza.

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-Qorti tiddeplora l-fatt li ċerti stabbilimenti tad-divertiment saru qishom *campo di battaglia* fejn żagħżagħ (u anqas żagħżagħ) li suppost imorru jieħdu ġost u jiddevertu jispiċċaw involuti fi ġlied, bosta drabi barbaru u offiżi fuq il-persuna tagħhom. Din saret okkorrenza kemxejn spissa li għandha tħasseb ħafna lil min għandu ftit sens.

Hija ħasra li persuni bħal Andrea Degiorgio, żagħżugħ li mar biex jieħu gost ma sħabu jispiċċa korrut b'dak il-mod li ġie pruvat f'dan il-każ. Hija mhux biss ħasra għalih, li ser jibqa' jġorr il-ġerħa u l-konsegwenza ta' din l-aggressjoni tul ħajtu kollha, iżda hija ġerħa oħra għall-ġenituri u familjari tiegħu, li sofrew miegħu din l-esperjenza kerha.

Mistqarr dan pero, din il-Qorti, fil-kwadru probatorju mressaq quddiemha ma tistax tgħid serenament li l-każ tal-Prosekuzzjoni kontra tal-imputat ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Il-provi prodotti anzi jeskolpaw lil Wail Riżgalla. B'riżultat tal-provi prodotti din il-Qorti ma tistax tgħid li kien Wail Riżgalla li kkommetta dan ir-reat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

## ***Decide :-***

Li għar-raġunijiet premessi, u wara li rat l-Artikoli ċitati mill-Avukat Ġenerali jiġifieri fl-Artikoli 17, 31, 214, 218(1)(a)(b), 383, 384, 385, 533 u 579 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum is-sittax (16) ta' Diċembru, elfejn u sittax (2016) fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***